MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1276/2002/1

**Malta Information Technology and Training Services Limited**

**Vs**

**Martin Galea De Giovanni**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tletin lira Maltija (Lm530), rifuzjoni ta' flus indebitament imhallsa lill-konvenut.

Ra li ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat, naqas milli tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u milli jidher ghas-seduti.

Semgha lil Joshua Zammit in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti li gew ezebiti mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tletin lira Maltija (Lm530), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------